**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 6755/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francesco Bonomolo**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Francesco Bonomolo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 249655(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Ġunju 2023 għall-ħabta ta' 12:00hrs ġewwa Misraħ Gavino Gulia, Bormla u/jew fil-viċinanzi, rema', tefa' jew xort'oħra ddepożita f'post, jew ġewwa post fil-beraħ, li l-pubbliku għandu dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas, u/jew ħalla xi ħaġa li tkun li tkun, f'ċirkostanzi tali li kkaġuna, ikkontribwixxa jew seta' jwassal għall-stkerriħ ta' xi post fil-beraħ b'dan l-iskart u zibel, jew għamel dan kollu meta ma kienx awtorizzat bil-liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitejn Ewro (€200).

Rat ir-rikors tal-appellant Francesco Bonomolo, ippreżentat fis-26 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni kontra tiegħu peress li l-azzjoni ma kinitx konsistenti f'reat izda kienet inevitabbli jagħmel dak li għamel in vista tal-fatt li l-iskart domestiku tiegħu ma setax jiddisponi minnu mod ieħor;
2. Sussidjarjament, kemm il-darba din il-Qorti tal-Appell xorta waħda issib ħtija fil-konfront tiegħu, tvarja s-sentenza u tirriduċi l-piena nflitta għal waħda raġjonevoli viċin il-minimu li tipprovdi l-liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 10 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ hekk kif kienu jemerġu mill-provi nkontestati li hemm fl-atti u dan meta fid-deċiżjoni tagħha stqarret illi jekk qed tkun riskontrata xi diffikulta' mill-appellant sabiex l-iskart jinġabar minn wara l-bieb ta' barra, din mhix skuzanti għar-reita', billi f'tali sitwazzjoni l-iskart għandu jittieħed fil-*Bring-In site*, u mhux jitħalla fil-kantuniera tat-triq. Tali konklużjoni, fil-fehma tal-appellant, hija erronja u dana għaliex fil-*bring-in sites* mhuwiex permess li jintrema' kartun jew skart domestiku riċiklabbli imħallat.

Illi, mill-fattispeċje tal-każ, kif jemerġi mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta illi nhar it-22 ta' Ġunju 2023 il-Pulizija tal-Kommunita' tal-Kottonera u l-Kalkara kienu nfurmati li dakinhar stess għal ħabta tal-12:00hrs, persuna mhux magħrufa rmiet xi kartun ġewwa Misraħ Gavino Gulia, Bormla. Minn stħarriġ li sar

irriżulta li l-imsemmija persuna kienet propju l-appellant. Meta huwa ġie mitkellem, u dana wara li ngħata l-kawteli kollha skond il-Liġi, "**ammetta li l-persuna ndikata fir-ritratti kien hu stess u li dakinhar kien imiss li jinġabar l-iskart relatat ma' plastik u kartun**". Fil-fatt dak dikjarat mill-appellant huwa kkorroborat minn filmat eżebit in atti fejn huwa jidher joħroġ materjal konsistenti f'kartun mill-karozza li kien qed isuq u jgħaddi sabiex ipoġġihom ħdejn skart ieħor li kien qed jistenna sabiex jinġabar.

Illi, *in oltre*, mix-xhieda ta' PS 583 Evan Grech, in kontro-ezami, irriżulta li l-appellant kien joqgħod 'il fuq mit-telgħa fejn tħalla l-iskart, liema triq hija dejqa ħafna u m'għandix bankini fuq l-ebda naħa tagħha. Ikkonferma ukoll li dakinhar tal-inċident *de quo*, kien imiss li jinġabar l-iskart riċiklabbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata għaddiet sabiex issib ħtija fl-appellant għar-reat imfassal fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għaliex kienet tal-fehma "*illi ladarba l-imputat ħa l-isbriga li jgħabbi l-materjal kollu riċiklabbli li kellu fil-karozza, minflok ma jarmi kollox fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, u jkompli jkerraha billi jkompli jzid mal-iskart illi diġa hemm fil-pjazza, kellu jibqa' sejjer lejn sit aktar appozitu bħalma hu bring-in site u jħalli l-iskart tiegħu f'post maħsub u adegwat għal dan l-iskop*".

Illi, jibda biex jingħad illi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, li taħtu nstabet ħtija, jitkellem fuq "<u>Tħollija ta' ziebel u skart</u>" u jiddisponi illi:–

> **Ħadd ma' jista' jarmi, jitfa' jew xort'oħra jiddepożita f'post, ġewwa post, jew minn xi post, fil-beraħ li l-pubbliku għandu d-dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas, u jħalli, xi ħaġa tkun li tkun f'ċirkostanzi tali li tikkaġuna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal għal, it-tkerrih biż-żibel u skart ta' xi post fil-beraħ, kemm-il darba dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi**.

Illi, għaldaqstant, permezz ta' dana l-artikolu appena ċċitat, il-leġislatur ried jikkundanna l-aġir ta' persuna li tħalli jew tiddepozita skart f'post pubbliku, li sussegwentement jasal biex ikerraħ l-istess post pubbliku. Għalhekk, hija ċara li

hawnhekk l-intenzjoni prospettata tal-malvivent hija dik li jħalli u jiddepożita l-iskart għal perijodu ndeterminat.

Illi, mill-provi prodotti jirriżulta b'mod inkonfutabbli li dina ma kinitx l-intenzjoni tal-appellant. L-appellant ammetta li hu poġġa l-iskart riċiklabbli li ħareġ mill-vettura tiegħu f'post fejn kien hemm miġbur skart ieħor riċiklabbli li kellu jinġabar dakinhar mill-kuntrattur appożitu. Dan huwa kkorroborat kemm mill-filmati eżebiti kif ukoll mix-xhieda tas-Surġent 583 Evan Grech. *Se mai*, l-unika ħaġa li ġiet ppruvata sal-grad rikjest mill-liġi kienet li l-appellant ħalla skart riċiklabbli ħdejn skart riċiklabbli ieħor li kellu jinġabar dakinhar stess, stante li dak il-jum kien propju il-jum skedat għall-ġbir ta' l-iskart riċiklabbli. Dan premess allura huwa indubitat illi l-fattispeċje ta' dan il-każ jinkwadraw rwieħhom fir-reat ikkontemnplat fl-Artikolu 4 tal-istess Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux l-artikolu 3 li dwaru instabet il-ħtija, liema disposizzjoni tal-liġi tipprovdi illi:–

> **Ħadd ma jista' jiddepożita u jħalli f'xi post fil-beraħ xi landa taż-żibel, kaxxa wżata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent ieħor, jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, sabiex jiġu miġbura <u>jekk dak id-depożitu ma jsirx f'ħin raġonevolment viċin għal, u qabel, il-ħin li fih ordinarjament isir il-ġbir taż-żibel f'dak il-post</u>. <u>(enfazi tal-Qorti)</u>**

Illi, għalhekk huwa evidenti li l-leġislatur għamel distinzjoni bejn ir-rimi ta' skart f'post pubbliku għall-perijodu ndeterminat li jservi biex ikerraħ l-ambjent, u dak fejn wieħed jiddepożita skart f'post pubbliku sabiex jinġabar, f'liema ċirkostanza hija eskluża ir-reita' meta dan jitħalla f'ħin qarib li fih jinġabar l-iskart mill-kuntrattur. Ġie ppruvat li l-appellant rama' dan l-iskart qrib nofsinhar u ġie ppruvat ukoll, kif jidher mill-ġemgħa kbira ta skart qed jistenna biex jinġabar, li l-istess skart kien għadu ma nġabarx. Mhux biss, iżda huwa ppruvat ukoll illi għall-appellant kien imposibbli li jħalli dan l-iskart wara il-bieb tar-residenza tiegħu biex jinġabar għaliex it-triq tiegħu hija dejqa li fiha żġur li ma jistax jidħol trukk tal-ġbir tal-iskart, kif lanqas jista' jitħalla xi skart goff li jostakola il-passaġġ tan-nies ġot-triq. Kwindi ma jistax jingħad li tirriżulta ir-reita' għall-imputazzjoni kif addebitata lill-appellant u dan għaliex il-fattispeċje tal-każ ma jinkwadrawx rwieħhom taħt l-elementi tal-imsemmi reat, kif hawn fuq imfisser. Għaldaqstant, din l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet

legalment u raġonevolment żbaljata meta sabet ħtija fl-appellant għar-reat imfassal fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-ewwel aggravju tiegħu jistħoqqlu akkoljiment.

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti ma tarax illi għandha għalfejn tinoltra ruħha fl-aggravju rimanenti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**